# ĊAJTA TAT-TMENIN

## (WARA L-GHANJA TAS-SEBGHIN)

*Ta'* Dun Karm

Xi tmien snin u sentejn ilu
  Għannejt l-għanja tas-Sebgħin,
  Fejn semmejt il-ftietaq kollha
  Ma' ħajjitna miżrugħin.

Ftit jew wisq kienu jfixkluni
  Ftietaq sofor, ħomor, blù;
  U kull darba b'leħen kiebi
  Jien kont ngħajjat: "Dan xinhu?"

Fl-aħħar sabni raġel għaqli,
  B'daħka ħelwa fuq xofftejh,
  Hares ħarsa ġewwa wiċċi,
  Bin-nuċċali fuq għajnejh,

U dlonk qalli: Dawn il-ftietaq
  Huma frott minn tax-xjuħija:
  Int għalaqt is-sebgħin sena,
  Frott minn dan tiekol fil-bqija.

Iżda jien, b'daħka ċajtiera,
  Qomt fuq tiegħi biex nurih,
  Illi qabel tiġi ĊENSA,
  Jien ma kontx irrid nixjieħ.

Dak il-ħin min qatt kien jobsor
  Illi sseħħ ċajta bħal din?
  Illi xiħ ta' sebgħin sena
  Kellu jasal għat-tmenin?

Iżda ż-żmien gerbeb u ħarab
  Hiemed ħiemed, mingħajr kliem,
  U jien għadni hawn ma' ħbiebi
  Nisma' l-ħoss ta' ferħ, ta' sliem.

Issa, tgħid, baqa' xi targa?
  Nirfsu s-setaħ tad-disgħin?
  Tkun din ħolma li titwettaq
  Bħalma twettqet tas-sebgħin?

Le, le, nrażżnu din il-ħolma:
  Seħħet waħda, iżda le tnejn:
  Ħajr 'l Alla minn l-imgħoddi,
  Minn li ġej ma ngħidu xejn;

Għax għalkemm għadni fid-dinja,
  U xi ftit naħdem kuljum,
  Min jaf jgħid hix ġejja Ċensa?
  Kemm sa tgħaġġel, kemm sa ddum?